**Mulej bħalissa kulħadd ikellmek**

Mulej, bħalissa kulħadd ikellmek
Forsi għax ġejja l-Ġimgħa l-kbira,
U int, l-għaliex l-umiltà nnifisha
Kemm tifraħ w tkun fl-aqwa titjira.

Kemm ikellmuk nies maħbub Missieri
Jgħidulek minn kollox u kull tip,
Isemmulek dejjem tal-imgħoddi
Mill-ferħ għid li jinżlu fit-tiġrib.

Kif Mulej int qatt ma tgerger waħda?
Dejjem bl-istess diska u tant qrid,
Nistħajlek qabel jitkellmu tkun taf
X'ha jgħidulek w xorta tibqa' qrib.

Ma ddejqekx dik ir-repetizzjoni
Tħalliha għaddejja bla inkwiet,
L-importanti għalik li niftħulek
Qalbna mfarrka, mimlija qasmiet.

U int ta' Missier tabilħaqq ghaqli
Ma tagħmilx plejtu għax lilna tħobb,
Ma tfettaqx imma tara kif tidħol
F'din qalbna muġugħa għax dak jgħodd.

U b'hafna sabar o kemm tistenna
Dak il-waqt ħiemed li jifdi l-qlub,
Ghax fih int tfakkar l-imsejkna ruħna
Li mħabbtek timlieha, fik hi ddub.

Issokta kellimna, Missier tieqafx
Tinkwetax għall-għajnejna fid-dmugħ,
Għax aħjar jibku daqskemm int tħobbhom
Milli jdemmgħu għax spiċċaw bla ruħ.

Patri Mario Attard OFM Cap
15 t'April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.